

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Teħid Ta' Azzjoni Legali](#) > [Fejn U Kif](#) > [Rati Tal-imgħax](#) > [Netherlands](#)

Rati tal-imgħax



Il-kontenut ipprovdut minn



European Judicial Network
(in civil and commercial matters)

1 Huwa permess “mgħax statutorju” fl-Istat Membru? Jekk iva, kif inhu definit “mgħax statutorju” f’dan l-Istat Membru?

In-Netherlands għandhom rata tal-imgħax statutorja. L-imgħax statutorju huwa l-imgħax li, bil-liġi, kreditur jista’ jitlob mingħand debitur li għandu jtih il-flus.

Issir distinzjoni bejn l-imgħax statutorju għal tranżazzjonijiet mhux kummerċjali (l-Artikolu 6: 119 tal-Kodiċi Ċivili) u l-imgħax statutorju għat-tranżazzjonijiet kummerċjali (l-Artikoli 6: 119a u 6: 119b tal-Kodiċi Ċivili).

Imgħax statutorju għal tranżazzjonijiet mhux kummerċjali jfisser imgħax relatat ma’ kuntratti ma’ individwi privati u konsumaturi.

Imgħax statutorju għal tranżazzjonijiet kummerċjali jfisser imgħax relatat ma’ kuntratti bejn negozji, u bejn negozji u organizzazzjonijiet tal-gvern.

2 Jekk iva, x’inhu/x’inhi l-ammont / ir-rata u x’inhi l-bażi ġuridika għalih/a? Jekk huma permessi rati differenti ta’ mgħax statutorju, liema ċirkustanzi u kundizzjonijiet japplikaw?

L-imgħax statutorju għal tranżazzjonijiet mhux kummerċjali, mill-1 ta’ Jannar 2024, kien ta’ 7 %. Il-bażi legali għal dan hija l-Artikolu 6:119 tal-Kodiċi Ċivili. L-imgħax statutorju għal tranżazzjonijiet kummerċjali, mill-1 ta’ Jannar 2024, kien ta’ 12,50 %. Il-bażi legali għal dan hija l-Artikolu 6:119a għal tranżazzjonijiet kummerċjali bejn in-negozji. Il-bażi legali għal tranżazzjonijiet ma’ organizzazzjonijiet tal-gvern tinsab fl-Artikolu 6:119b tal-Kodiċi Ċivili.

3 Jekk meħtieġ, hemm aktar informazzjoni disponibbli dwar kif jiġi kkalkulat l-imgħax statutorju?

Ir-rata tal-imgħax statutorja għal tranżazzjonijiet mhux kummerċjali hija stabbilita abbażi ta’ kull sitt xhur fil-*Besluit vaststelling wettelijke rente* (id-Digriet li jstabbilixxi r-rata tal-imgħax statutorja), skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 6:120 tal-Kodiċi Ċivili. Ir-rata hija kkalkulata abbażi tar-rata tal-imgħax applikata mill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) għall-operazzjonijiet ewlenin tiegħu ta’ rifinanzjament (ir-rata ta’ referenza) miżjuda bi 2,25 punti perċentwali, imqarrba għall-eqreb nofs fil-mija. Ir-rata tal-imgħax statutorja tiġi aġġustata, jekk ikun meħtieġ, darbtejn fis-sena fl-1 ta’ Jannar u fl-1 ta’ Lulju, fejn id-data meqjusa għar-rata ta’ referenza hija l-31 ta’ Ottubru preċedenti jew it-30 ta’ April rispettivament.

Ir-rata tal-imgħax statutorja għat-tranżazzjonijiet kummerċjali hija stabbilita skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 6:120 tal-Kodiċi Ċivili. Tista’ tiġi aġġustata fl-1 ta’ Jannar u l-1 ta’ Lulju ta’ kull sena. Ir-rata tal-imgħax statutorja għat-tranżazzjonijiet kummerċjali hija l-istess bħar-rata tal-imgħax applikata mill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE)

għall-operazzjonijiet ewlenin tiegħu ta' rifinanzjament fl-ewwel jum kalendarju tan-nofs sena inkwistjoni, miżjuda bi tmien punti perċentwali.

4 Hemm aċċess onlajn disponibbli bla ħlas għall-bażi ġuridika msemmija hawn fuq?

Iva. Il-Ktieb 6 tal-Kodiċi Ċivili jista' jiġi kkonsultat [hawnhekk](#). Id-Digriet li jistabbilixxi r-rata tal-imgħax statutorja jista' jiġi kkonsultat ukoll online. L-aġġustament ta' kull sitt xhur tar-rata tal-imgħax statutorja għal tranżazzjonijiet mhux kummerċjali huwa ppubblikat fil-Bullettin tal-Atti u d-Digrieti.

Aktar informazzjoni tinsab fuq is-sit [web tal-Gvern](#).

■ L-aħħar aġġornament: 11/09/2025

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.